**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-l-Erbgha, 5 ta' Gunju 2024**

**<u>Rikors guramentat nru : 232/2017 AGV</u>**

**M sive MR. B**

**Vs**

**C sive CR B**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' CB ;**

*Jesponi bir-rispett:-*

1. Illi l- kontendenti zzewgu nhar it- 22 ta’ Ottubru 1980 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk bejniethom tezisti il-komunjoni tal-akkwisti liema regim matrimonjali ghadha tirregola l-propjeta’ taghhom sal- gurnata tal-llum minkejja li l-partijiet ilhom jghixu seperatament minn xulxin ghal- diversi snin u in oltre ilhom ghadejjin bi proceduri ta’ separazzjoni sa’ mis-sena 2017;

2. Illi matul iz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom zewg t’itfal izda dawn illum huma maggorenni;

3. Illi l-kontendenti illum jghixu hajja indipendenti minn xulxin kemm finanzjarjament kif ukoll emozzjonalment;

4. Illi b’rikors intavolat fil- 25 ta’ Gunju 2019, l-esponenti kien talab ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti liema rikors ma’ giex milqugh b’digriet ta’ din l-Onorrabli Qorti datat 11 ta’ Dicembru 2019. Illi f’dak l-istadju l-Onorrabli Qorti ma’ laqghetx it-talba ghaliex hasset illi kien prematur li twaqqaf il-komunjoni in vista li l-komunjoni kienet ghadha mhux kostitwita in vista li l-attrici kienet ghadha qeghda tressaq il-provi u ghalhekk il-Qorti hasset li dan setgha ikun ta’ pregudizzju mhux proporzjonat ghar-rikorrenti. Kopja ta’ digriet anness u mmarkat bhala ‘**<u>Dok A</u>**’;

5. Illi di fatti f’dak l-istadju ir-rikorrenti kienet tennit li kien jonqosa itella’ diversi xhieda sabiex jixdhu dwar l-assi li jappartjenu din il-komunjoni u sabiex jigi stabbilit l-introjtu tal-konvenut;

6. Illi fil-proceduri odjerni, cioe mal-prezentata ta’ dan ir-rikors, l-istadju tal-gbir tal-provi tar-rikorrenti issa gie oltrepassat stante illi ir-rikorrenti ghalqhet l-istadju tal-provi taghha u ghalhekk kull evidenza li kellha tipprezenta sabiex

jigi kostitwit il-komunjoni tal-akkwisti u l-introjtu tal-konvenut issa gia prezentat;

7. Illi ghalhekk il-proceduri odjerni issa waslu fi stadju illi jista "jittiehed kwadru aktar car tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisiti" (vide digriet tal- 25 ta' Gunju 2019 fl-istess ismijiet, anness u mmarkat bhala **<u>Dok. A</u>**) biex b'hekk issa huwa opportun li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata *pendente lite* ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi din mhux se tohloq xi "pregudizzju sproporzjonat" ghall-attrici.

8. Illi din il-Qorti diversament presjeduta irretenit is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet **Dorianne Sammut v Charles Sammut** (25 ta' April 2017) u li giet ikkonfermata fl-appell:

*Bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.*

*Fil-kaz in ezami, il-Qorti rat illi l-kawza ilha li giet intavolata mit-22 t'Ottubru 2013; Illi sal-lum ingabru ghadd sostanzjali ta' provi fuq talba tal-attrici ghalkemm illi jidher illi ghad baqaghlha diversi xhieda xi tressaq u dan skont in-nota taghha tal-31 ta' Jannar 20176 ; Rat illi minkejja li l-attrici ghadha m'ghalqitx il-provi, hija ghandha stampa cara tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwsiti sal-lum vicenti bejn il-partijiet kif jirrizulta min-nota taghha datata l-4 ta' Novembru 2016. Illi ghaldaqstant, hija fehma tal-Qorti illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju m'huwiex ser jarreka ebda pregudizzju mhux proporzjonat lill-intimata f'dan ir-rigward;*

**9.** Illi in oltre irrid jigi ritenut wkoll illi it-talba ghax-xoljiment tal-Komunjoni m'ghandha l'ebda effett fuq l-assi gia in komunjoni u dan ghaliex ma ssir l-ebda divizjoni ta' dawn l-assi izda taffetwa biss atti futuri jistghu jidhlu ghalihom il-partijiet. Illi ghalhekk dan ma jistax ikun ta' prejudizzju ghar-rikorrenti izda piu o meno ta' beneficcju.

**10.** Illi fuq dan l-ambitu fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin v Louise Darmanin** tal- 14 ta' Marzu 2019 il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet hekk:

*Din il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni tal-qligh tal-attur minn negozju, flimkien mal-allegazzjoni ... tal-konvenuta li hu qed jahbi parti minn dan il-qligh, hija materja li ghandha tigi ezaminata fl-ambitu tas-separazzjoni personali u huwa irrelevanti jekk il-komunjoni tal-akkwisti titwaqqafx f'dan l-istadju jew le ghax il-konvenuta ghad ghandha l-opportunita` li tressaq provi fir-rigward fil-proceduri tas-separazzjoni. Din il-Qorti tirribadixxi li l-waqfien tal-komunjoni talakkwisti jirreferi ghall-futur u mhux ghal passat u, minkejja li dak li z-zewg partijiet qed idahhlu mix-xoghol taghhom s'issa hu tal-komunjoni, l-istess huwa tal-komunjoni kull dejn li talvolta jistghu jaghmlu. Ghalhekk anke minn din il-perspettiva ta' dejn, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhux talli ma jippregudikax lill-konvenuta talli jaf ikun ta' beneficcju ghaliha ghax mid-data tal-waqfien tal-komunjoni 'l quddiem hi ma tkunx responsabbli ghad-dejn li talvolta jista' jaghmel l-attur.*

**11.** Illi f'dan is-sens wkoll il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** tal- 20 ta' Ottubru 2015:

*Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal*

*dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici.*

**12.** Illi l-ghan ahhari tal-legislatur bl-introduzzjoni tal-Artikolu 55, certament konxju kemm jistghu jitwalu kawzi ta' seperazzjoni personali, kien li tieqaf malajr kemm jista jkun il- komunjoni tal-akkwisti biex ghalinqas fuq dan l-asspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatement la darba il-konvivenza ta' bejniethom ma tkunx aktar possibli (vide **Dorianne Sammut v Charles Sammut**, Qorti tal-Appell (Superjuri) datata 31 ta' Mejju 2019)

**13.** Illi fid-dawl tal-fatti u il-gurisprudenza citata, l-waqfien tal-komunjoni se jkun fl-interess tal-kontendenti in vista li l-partijiet ilhom ghal diversi snin issa jghixu separatament u jezisti stat ta' anomazita' bejniethom u ghalhekk il-waqfien tal-komunjoni se jgib il-beneficcju li l-partijiet ikunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll – a fortiori in vista tal-indipendenza surriferita – li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel.

**14.** Illi in vista ta' dak suespost ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezisteni bejn il-partijiet ghandu jibqa' fis-sehh.

GHALDAQSTANT l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

i) **Tordna** l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet pendente lite ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) **Tordna** illi s-sentenza hekk moghtija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai disposizzjoni tal-Artikolu 55 (5) tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

iii) Konsegwentament **tiddikjara** illi r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi u dan taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

**Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.**

**Rat ir-Risposta taì M B ghar-rikors tal-Konvenut datat 27 tìOttubru 2021.**

Tesponi bir-rispett :

1. Illi permezz tar-rikors intavolat minnu datat 27 ta Ottubru 2021 il-konvenut qed jitlob il-waqfien tal-kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì Malta ;

2. Illi l-esponenti toggezjona ghal tali talba a bazi tas-sub-incizi 4 tal-artikolu 55 li jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni il-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta tali waqfien waqt il-kawza ;

3. Illi filfatt l-esponenti qieghda toggezzjona ghall-dina talba u dan gahs-segwenti ragunijiet :

a. Illi l-konvenut jiggestixxi diversi negozju u matul iz-zwieg kien fetah diversi kumpanijii u partnerships. Illi sabiex tikkawtela sehma , hija kienet intavolat mandat tì inibizzjoni 134/2017 fejn il-Qorti kienet tenniet li safejn decizjonijiiet li jittiehdu dawk s-socjetajiet ikunu gejjin mill-intimat jew jiddependu minnu (bì mod partikolari fejn digaì hareg li huwa direttur wahdieni) r-rabta tal-mandat tghodd ghalih fil-vesti personali u fil-vesti tieghu taì direttur jew azzjonist u ma jistax jinhatar wara l-velu tas-socjetajiet li mhumiex intimati fìdin il-procedura biex jaghmel xi haga bi ksur tal-ordni li Qorti sejra taghti (Ara l- mandat hawn anness u mmarkat bhala Dok. TA 1)

Illi madanakollu lanqas dan ma kien bizzejjed sabiex iwaqqaf lill-konvenut milli jittendi jinneggozja u dan minkejja ordni taì Qorti u filfatt l-esponenti saret taf wara li rcievew karta id-dar li l-konvenut dahal fìkonvenju u dana kif huwa nnifsu ma cahadx fix-xhieda tieghu (Ara dok hawn anness u mmarkat bhala Dok TA 2)

b. Illi l-komportament tal-konvenut, gie ukoll ppruvat mix-xhieda taì AC li l-kumpanija tieghu hija 50% shareholder fìkumpanija tal-partijiet li kkonferma wkoll li kien hemm konvenju fuq penthouse izda li dan kien waqa in vista tal-litigazzjoni (ara transcript anness bhala Dok TA 3) u SS li huwa nvolut fìkumpanija ohra tal-partijiet u jikkonferma li kien hemm konvenju iehor li sfaxxa (Dok. TA 4).

C . illi dan kollu kompla jikkonferma kif minkejja ordni mill-Qorti il-konvenut baqa jinnegozja u ghalhekk l-esponenti ferm tibza li waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f dan l-istadju ser iservi bhala opportunita sabiex il-konvenut juza flejjes li huma tal-komunjoni biex jinnegozja u dan bi pregudizzju ghall-esponent ;

**Ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija l-esponenti hija tal-umli opinjoni illi talbiet tal-konvenut ghadhom jigu opposti.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat li llum il-kawza thalliet ghas-sentenza, bil-fakoltaì li l-partijiet jippresentaw is-sottomissjonijiet bil-miktub.

**IKKUNSIDRAT:**

L-insenjament tal-Qrati taghna dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa voluminuz u univoku. It-tendenza hija li tali talba ghandha tintlaqaì, sakemm l-istess ma tohloqx pregudizzju mhux proporzjonat lil dik il-parti li qed topponi ghall-istess. Fil-kaz in ezami, ir-rikors u r-risposta gew intavolati aktar minn sentejn u nofs ilu, u llum il-kawza tant immaturat li thalliet ghas-sentenza. Bir-rikors tieghu, il-konvenut qed jitlob li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti fiz-zwieg bejn il-partijiet tigi dikjarata terminata, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì Malta, sa ma tigi likwidata mas-sentenza eventwali. Fir-risposta taghha, l-attrici kienet opponiet ghal din it-talba. Intant, il-kawza kienet imxiet u baqghu jingabru l-provi quddiem il-perit legali, tant li l-istess perit ghadda ghar-relazzjoni tieghu u saret ukoll eskussjoni fuq il-konkluzjonijiet milhuqa minnu. Il-Qorti ghalhekk illum issibha difficli ferm tifhem u tapprezza r-raguni wara l-oppozizzjoni ghal din it-talba. Issa li ngabru l-provi kollha u l-kawza ser tithalla

ghas-sentenza, il-komunjoni tal-akkwisti mhux biss ser tieqaf izda ser tigi likwidata wkoll fi zmien ftit xhur ohra. Li kieku verament kien hemm xi possibilitaì li l-attrici sejra ssofri xi pregudizzju bil-waqfien tal-komunjoni, dan zgur li mìghadux jissussisti fidan l-istadju.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 taì Mejju 2024, fl-ismijiet Ryan Mallia vs Joanna Mallia, dik il-Qorti qalet hekk:

> "L-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ġie meqjus hekk fis-sentenza "Daniela Mizzi v. Duncan Peter Mizzi" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014:
>
> «In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakultà lil parti jew oħra li «f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjugi…….it-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri «preġudizzju mhux proporzjonat». Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.
>
> "...L-attur ma kellu l-ebda dmir illi jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhux ser joħloq preġudizzju sproporzjonat lill-konvenuta. Bil-maqlub, ladarba kienet il-konvenuta appellata li allegat il-preġudizzju gravi fil-konfront tagħha, allura kellha tkun hi li tipprova l-preġudizzju. Minkejja dan, il-konvenuta naqset milli tagħmel dan. Kieku verament jeżisti dan il-preġudizzju sproporzjonat, ma kien hemm xejn xi jxekkel lill-attriċi milli tehmeż il-provi neċessarji, jew jekk xejn, kienet titlob lill-Ewwel Qorti sabiex tagħtiha l-opportunità

> tressaq il-provi. Talba speċifika din, li setgħet issir qabel id-data tas-smigħ u wkoll waqt is-seduta qabel l-Ewwel Qorti qrat din is-sentenza. Fin-nuqqas ta' dan, l-Ewwel Qorti ma kellha ssib l-ebda xkiel sabiex tilqa' t-talba tal-attur għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti."

F'dik is-sentenza, ghalhekk, il-Qorti irribadiet illi kull min jopponi ghat-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ghandu jipprova mhux biss illi ser jsofri pregudizzju bl-istess waqfien, izda ghandu juri wkoll li tali pregudizzju mhuwiex proporzjonat, u li ghalhekk mhux ser jkollu rimedju adegwat ghal dan l-istess pregudizzju li ser jsofri. Il-Qorti ma tistax tifhem l-attrici x'pregudizzju mhux proprzjonat ser issofri f'dan l-istadu tal-proceduri, meta fi ftit xhur ohra l-istess komunjoni ser tigi tterminata u likwidata.

Ghalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-konvenut.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBA TAL-KONVENUT

i) **Tordna** l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet pendente lite ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) **Tordna** illi s-sentenza hekk moghtija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai disposizzjoni tal-Artikolu 55 (5) tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

iii) Konsegwentament **tiddikjara** illi r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**